


# Tislima lis-Surmast Anthony Sammut f'għeluq il-15-il sena mill-mewt tiegħu

**Kitba ta' Michael Saliba**



Is-Surmast Anthony Sammut twieled ġewwa Birkirkara minn Mikiel u Rożina *née* Vella fit-30 ta' Ottubru 1921. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Kulleġġ tal-Freres, Bormla, fejn ta' età żgħira kien daħal bħala apprentist fid-Dockyard. Huwa tgħallem il-mużika għand is-surmastrijiet Vincenzo Costa u ibnu Carmelo Costa. Ta' 11-il sena beda l-eżamijiet ta' *l-Association of the London College of Music.* Minn dan il-Kulleġġ kiseb midalja tal-Fidda u oħra tal-Bronż, ċertifikat ta' l-eżami tas-Seventh-Advance-Final-London Royal Schools and Royal College of Music. Ta' 24 sena ngħatatlu d-Diploma bit-titlu ta' A.Mus.L.C.M.

Ninu żagħżugħ ta' 30 sena, kien professur tal-kurunetta, surmast ta' l-armonija, direttur u kompozitur. Bħala direttur kellu jgħinuh widna sensibbli, qalb edukata u moħħ intelligenti. Huwa beda l-karriera pubblika tiegħu bħala kurnettista mal-banda Sant' Elena ta' Birkirkara, li tagħha għamel żmien assistant surmast.

Fl-1944 huwa ġie magħżul Surmast Direttur tal-banda San Pio X ta' Ħal Lija. Erba' snin wara, jiġifieri fl-1948 huwa beda jidderieġi bħala surmast tal-banda Imperial tal-Mellieħa, filwaqt li ħa l-banda Nicolò Isouard tal-Mosta taħt id-direzzjoni tiegħu fl-1954. Bara minn dawn it-tliet baned, huwa kellu diversi okkażżjonijiet li jidderieġi lill-banda King's Own tal-Belt, Sant' Elena ta' Birkirkara, La Vittoria tal-Mellieħa, kif ukoll baned oħra fosthom il-Banda Nazzjonali ta' Malta, u dejjem ħareġ b'suċċess minn dawn il-programmi.

Fil-karriera twila tiegħu huwa dderieġa tista' tgħidfi kwalunkwe raħal u belt kemm ta' Malta kif ukoll ta' Għawdex fl-okkażżjonijiet ta' festi parrokkjali, u festi kommemorattivi oħra. Nistgħu nsemmu l-ewwel programm tiegħu mal-banda



1987 – Is-Surmast Sammut flimkiem (mil-lemin) mal-mara tiegħu Pia, u t-tfal Michelle, Victor, Louise u Edwin






Mro Sammut il-ħames mix-xellug ma' membri tal-kumitat ġewwa Biancavilla



Mro. Anthony Sammut l-iktar surmast li dam jidderiġi l-banda San Pio X – 45 sena waqt l-aħħar kunċert tiegħu lejliet il-festa tas-Salvatur 1989.

San Pio X meta kien idderieġa l-Madame Butterfly ta' Puccini. Però suċċessi kbar oħra tiegħu kienu l-programmi li huwa kellu x-xorti jidderieġi fi Bianca Villa ġewwa Sqallija mal-banda San Pio X ta' Ħal Lija, ġewwa Villa Bellini, u anke Katanja mal-baned Imperial u Nicolò Isouard. Is-Surmast Sammut huwa wkoll kompożitur prolifiku. Huwa kkompona kwantità ta' marċi, kemm brijużi, kemm karnivaleski, kif ukoll funebri, li ndaqqu ma' Malta kollha. Huwa kiteb ukoll diversi antifoni u innijiet ta' kull xorta għal-ħafna okkażżjonijiet speċjali. Fost ix-xogħolijiet importanti tiegħu, ta' min isemmi l-marcia sinfonika "Happy Tidings", il-poema sinfonika "The Beginning", l-innijiet tal-Madonna tal-Karmnu, ta' Santa Tereża, kif ukoll l-innijiet tal-baned San Pio X u l-Imperial. Bħala rikonoxximent tax-xogħol mużikali tiegħu s-Surmast Sammut ġie magħżul membru tal-"Performing Rights Society" ta' Londra fl-1965.

Fl-aħħarnett, ta' min isemmi wkoll li s-Surmast Sammut li baqa' minn dejjem jgħix ġewwa Birkirkara, iżżewweġ lil Maria Pia *née* Micallef fl-1945, u kellu erbat itfal, Edwin (magħruf bħala Patri Piju fl-Ordni Tereżjan), Victor, Louise u Michelle li t-tlieta li huma miżżewġin.

Is-Surmast Anthony Sammut miet fis-6 ta' Ottubru 1991. Ta' min iżid li b'sens ta' rispett ċiviku, triq ġewwa Birkirkara u oħra ġewwa l-Mellieħa ssemmew għas-Surmast Anthony Sammut.

F'għeluq il-15-il sena mill-mewt tiegħu wieħed jipprova jistabar billi jġib quddiem għajnejh l-isbaħ mumenti li aħna l-ħbieb sinċieri tiegħu konna nqattgħu flimkien. Huwa kien il-ħin kollu jkun ta' għajnuna kbira għal dawk kollha li jkollhom bżonn is-servizzi tiegħu. Jiena nista' nikkonferma dan għax kont viċin tiegħu fl-aħħar 36 sena li għamel mal-banda tagħna, San Piju X, f'Ħal Lija.

Grazzi Surmast ta' dak kollu li għamilt magħna.

*Dan it-tagħrif inġabar mingħand il-familjari tas-Surmast Anthony Sammut bil-kollaborazzjoni ta' wieħed mill-akbar ħbieb tiegħu, Michael Saliba.*



1989 – Is-Surmast Sammut u l-mara tiegħu imdawra bin-neputijiet.